MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 534/2002/1

**Agius Stone Works Company Limited**

**Vs**

**Christopher Rizzo**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas 1-ammont ta' Lm813.34 (tmien mija u tlettax-il lira Maltin u erbgha u tletin centezmu) rapprezentanti ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma mitluba ta' tmien mija u tlettax-il lira Maltin u erba` u tletin centezmu tirraprezenta prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut u ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fil-fond tal-konvenut, kif dedotti fl-anness Invoice Numru 170 datata 5 ta' April 2000, liema prezz baqa ma thallasx mill-konvenut minkejja d-diversi interpellazzjonijiet tas-socjeta` attrici.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru, 2001.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
1. Illi in linea preliminari t-talba attrici hija ai termini tal-artikolu 2148a tal-Kap 16.
2. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost u dwar il-meritu, it-talbiet attrici huma eccessivi, sew fir-rigward tal-materjal allegatament ipprovdut u sew fir-rigward tar-rata pretiza mis-socjeta` attrici ghax-xogholijiet minnhom ezegwiti.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Art 2148 (a) tal-Kap 16 ossia t-tmintax (18) il-xahar. In vista ta' nuqqas ta' prova ta' interuzzjoni u/jew sospensjoni u/jew nuqqas ta' dekorrenza, is-socjeta` attrici ghazlet li taghti lil konvenut il-gurament decisorju. Dana sar fis-seduta tal-1 ta' April 2004.

Illi l-gurament decisorju huwa governat bl-Art 2160 tal-Kap 16. Bil-gurament tieghu, il-konvenut stqarr li l-ammont mitlub ma ghandux jaghtih u ma jiftakarx jekk hallsux jew le. Din hija l-unika domanda u risposta permissibli f'cirkostanza bhal din.

Illi ssir referenza ghal kawza u sentenza simili fl-ismijiet "Melbourne Garage Co. Ltd. Vs A.I.C. Lawrence Montebello" fejn gie deciz dan il-punt u ssir referenza ampja ghall-istess.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici, u in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------